MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 36/2011

**F. Advertising Limited (C 27689)**

**Vs**

**Joe u Lorraine konjugi Grech**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' €7,516 rapprezentanti ammont dovut mill-konvenuti in konnessjoni ma servizzi debitament rezi fuq inkariku taghhom ai termini ta' skrittura privata ffirmata mill-konvenuti u datata 23 ta' Dicembru 2009.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra ufficjali prezentata a tenur tal-artikolu 166A Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata ta' Novembru 2010 (Numru 4250/10) u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat mal-istess ittra u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali sal-

hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarmenti, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fil- 31 ta' Ottubru 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €7516.00 bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali imsemmija fir-rikors u presentata matul Novembru 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru msemmijin fl-istess rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------